## Kapitlu 1

# Il-kamra tal-imbarazz

Iddeċidejt li nibni dar għalija fil-ġnien. Dar mill-imbarazz li ma nużawx. Illum qed niġbor ħafna bottijiet u fliexken, kartun u vażetti, drapp u pajpijiet, wajers u kotba qodma. Qed niskopri kemm nużaw fliexken, laned u karti KULJUM! Iddeċidejt li jkolli d-dar tiegħi bħalma kelli darba. Tiftakarha d-dar tal-kotba li mbagħad tkissret bil-maltemp? Issa se nagħmel dar bil-plastik, bil-kartun, bil-pajpijiet u insomma, b'dak kollu li nsib. Il-vaganzi tas-sajf huma twal u jien niddejjaq ma nagħmel xejn. Ommi ma qaltlix le.

Imma bħalissa naf x'qed taħseb. Qed taħseb għaliex Jake Cassar irid jibni dar?

U ngħidlek minn fejn ġietni l-idea. Imma mhux għalissa. Għax l-ewwel, biex tifhem sew, nixtieq ngħidlek xi ġrali dan l-aħħar.



# Kapitlu 2

# Jien u nibni ...

Jien u nibni ma nistax nirrakkonta. Ħeqq, kemm qed taħsibni nista' nagħmel affarijiet f'daqqa! Bħalissa, ħu paċenzja ftit bija u stenna sakemm inlesti din id-dar ...



